**Fil-kuritur**

Kont għaddej il-Ħadd filgħodu
Biex inqaddes il-quddiesa,
Għaddejt int bil-lajma l-lajma
F'dil-ġurnata hekk ħelliesa.

Ħarsitek dlonk dahlet fija
Fiha rajt għajnejn il-Mulej,
Għalhekk ħarist lejk b'imħabba
Intbaħt b'sorpriża ta' li ġej.

U tħaddittna u tkellimna
L-għajnejna xarrabna bid-dmugħ,
Għax dak li jaf jagħmel Alla
Meta jsib umiltà fir-ruħ.

U waqt li tħadditna nfetħet
It-tnejn il-ġenna għalina,
Rajna l'Alla jiġi fostna
U jitgħaxxaq b'qalbu bina.

Hekk kull kelma ġiet magħduda
Fl-isbaħ ktieb li hu tal-ħajja,
Li qed jinkiteb fis-sema
B'kull inżul u anki tlajja'.

Ħassejna fostna, hemm magħna
Lil Ommna s-sbejħa Marija,
Li bi mħabbitha hekk safja
Żammitilna kumpanija.

Kif wasalna biex ninfirdu
Talba u barka hekk imur,
Kienet l-isbaħ diskursata
Illi saret fil-kuritur.

Patri Mario Attard OFM Cap
23 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.